# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'  OTTUBRU 2001**

Avviz Nru  2150/97DM

Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance corporation Plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Adrian Debono, u b'nota tad-29 ta' Ottubru 1999 GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta assikuratrici estera CGU Insurace plc gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Adrian Debono qed tassumi l-atti tal-kawza minflokk is-Socjeta Gasan Insurance Agency Limited noe

vs

John Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici sabiex din il-Qorti

1 Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-21 ta' Settembru 1996 fil-limiti ta' Hal Lija waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru LRO 001, b' mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru FAE 601 propjeta ta' assikurat tal-attur, Adrian Debono, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' erba mija u tnejn u tmenin Lira maltin u hamsin centezmi (Lm482.50) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi

3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra legali tal-15 ta' April 1997 u tal-parir (Lm20.00,0), u ta' ittra Ufficjali ppresentat kontestwalment ma l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Bezzina fejn eccepixxa li:

1) Dak li talbet id-ditta attrici ghandu jigi michud ghax ghall-incident "de quo" kien jahti l-assikurat taghha

2) Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Rat in-nota tas-Socjeta attrici datata l-31 ta' Jannar 2000

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontendenti ma jeskludux il-kuntatt bejn iz-zewg vetturi li kienu miexjin fl-istess direzzjoni b'dik ta l-assigurat tal-atturi quddiem dik tal-konvenut; izda waqt li l- assigurat tal-atturi u martu jsostnu li kif waqfu il-konvenut dahal fuqhom minn wara, il-konvenut u martu jsosstnu li kien l- assigurat tal-atturi li saq b'lura ghal fuqhom.

Jirrizulta ukoll li kien biss l- assigurat tal-atturi li rrapporta l-incident lill-Pulizija u li l-konvenut kien saq minn fuq il-post.

Ghalhekk u billi l-verzjoni tal-konvenut m'hiex dik normalment aspettata f'kollizzjonijiet simili jispetta lill-istess konvenut li jikkonvinci lill-Qorti li l-versjoni tieghu hija dik verosimili.

Il-konvenut jallega li m’ghamel ebda rapport billi l-kuntatt ma pprovoka ebda dannu lanqas fil-vettura tal- assigurat tal-atturi. Izda tenut kont tal-ghamla tal-vetturi rispettivi u daqs taghhom huwa inverosimili li dik tal-attur ma ssofri ebda marka nonostante kuntatt mal-LandRover tal-konvenut. Infatti l-hsarat rizultanti jidhru fir-ritratti esibiti mill-atturi u inkontestati mill-konvenut.

Lanqas ma hija sodisfacenti l-allegazzjoni biss tal-konvenut li l- assigurat tal-atturi mexa b’lura minghajr ebda spjegazzjoni dettaljata tac-cirkostanzi kollha li setghu wasslu ghal din il-manuvra inaspettata u illogika tal-assigurat tal-atturi.

Ghaldaqstant issib li l-verzjoni attrici hija wisq iktar accettabli minn dik tal-konvenut u ghalhekk tilqa l-ewwel talba tal-atturi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-21 ta’ Settembru 1996 fil-limiti ta’ Hal Lija waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru LRO 001, b’ mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru FAE 601 propjeta ta’ assikurat tal-attur, Adrian Debono, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f’din il-vettura.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni mill-provi prodotti jirrizulta li dawn jammontaw ghas-somma ta LM482.50 u konsegwentement tilqa t-talbiet l-ohra tal-atturi u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta’ erba mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u hamsin centezmi (Lm482.50) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta attrici din is-somma ta’ LM482.50 hekk likwidata bl-imghax legali mis-6 ta’ Novembru 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…...............................................
Magt Dr D Montebello BA LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 22